**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 21 TA' MARZU, 2002

**Numru: 16**

**Avviz Nru: 1072/01 AE**

**Elmo Insurance Limited bhala rapprezentant tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alison Buhagiar u l-istess Alison Buhagiar**

**Vs**

**Emanuel Grima u b'digriet tal-31 ta' Jannar 2002 gie kjamat fil-kawza Alan Cutajar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' erbgha mija u tmienja u tmenin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm488.81), rizarciment ta' danni

[Lm388.81 lis-socjeta Elmo Insurance Agency Limited noe u Lm100 lil Alison Buhagiar] minnhom sborsati bhala konsegwenza ta’ incident tat-traffiku li sehh gewwa Ta’ Qali fil-15 ta’ Settembru 2000 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru CBH 538 habat mal-vettura bin-numru GSA 129 propjeta tal-attrici Alison Buhagiar u misjuqa minnha – ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti.

Ra d-digriet moghti mit-Tribunal fil-31 ta’ Jannar 2002 u li permezz tieghu gie msejjah fil-kawza Alan Cutajar.

Ra r-risposta ta’ l-imsejjah fil-kawza li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Il-meritu tal-kawza jitratta incident tat-traffiku li sehh fil-15 ta’ Settembru 2000 gewwa Ta’ Qali.

2. Il-partijiet taw verzjonijet kontrastanti. Filwaqt li l-attrici xehdet li l-karrozza taghha giet milquta minn vann bin-numru CBH 538, l-imsejjah fil-kawza kkontesta dan il-fatt u nsista li ma kienx involut f'incident tat-traffiku.

3. Il-hsara li garrbet il-vettura misjuqa mill-attrici (Kia Avella bin-numru GSA 129) tidher fir-ritratt a fol. 24 tal-process.

4. Wara li qies il-provi li tressqu quddiemu, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attrici hija iktar verosimli mill-verzjoni moghtija mill-imsejjah fil-kawza. L-attrici xehdet b'mod cjar u konsistenti. Mill-provi rrizulta li fil-15 ta' Settembru 2000 l-imsejjah fil-kawza kien qieghed isuq il-vann bin-numru CBH 538, u ghadda mill-post fejn skond l-attrici sehh l-incident. L-imsejjah fil-kawza kkonferma wkoll li l-hsara fuq il-vettura ta' l-attrici kienet dik li tidher fir-ritratt a fol. 24 tal-process. Qal ukoll li ma jiftakarx ghamilx manuvra ta' sorpass f'dik il-parti tat-triq u dakinhar kellu pressjoni qawwija ta' xoghol. Min-naha l-ohra l-attrici kkonfermat li hekk kif sehh l-incident irnexxielha tiehu n-numru tal-vann li laqat il-vettura taghha u li baqghet issegwi dan il-vann sakemm waqaf fejn hemm il-fabbrika *Sign It*.

5. Fuq il-bazi ta' provi li tressqu quddiemu, it-Tribunal huwa moralment sodisfatt li l-atturi ssodisfaw l-oneru tal-prova taghhom, li l-imsejjah fil-kawza kien unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u ma jirrizulta li kien hemm l-ebda negligenza kontributorja min-naha ta' l-attrici. Fil-kawza fl-ismijiet **Borg vs Ciantar** deciza in parte fid-9 ta' Novembru 1968 intqal li l-onus tal-prova li d-driver tal-vettura ta' quddiem (l-attrici) kien negligenti u bin-negligenza tieghu ikkaguna l-kollizjoni jaqa' fuq is-sewwieq tal-*'overtaking vehicle'*.

6. Ghalkemm huwa minnu li l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (Philip Cortis) xehed li meta ra l-vann (numru CBH 538) *"ma kienet tirrizulta ebda hsara"* (fol. 17), dan ma jfissirx li l-verzjoni moghtija mill-attrici m'ghandhiex titwemmen. Irrizulta li l-pulizija raw il-vann granet wara li sehh l-incident. Inoltre, t-tip ta' hsara li saret fuq il-vettura ta' l-attrici (fol. 24) ma teskludix li ma jkunux thallew tracci fuq il-vann misjuq mill-imsejjah fil-kawza.

7. Fir-rigward tal-konvenut Emanuel Grima, mill-provi rrizulta li dan ma kien bl-ebda mod involut fl-incident tat-traffiku meritu tal-kawza, u ghalhekk fil-konfront tieghu t-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda.

8. Dwar il-quantum ta' danni reklamati, dawn ma gewx kontestati u jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi:

1. Jiddikjara li l-imsejjah fil-kawza huwa responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fil-15 ta' Settembru 2001 gewwa Triq il-Belt Valletta kantuniera ma' Triq Ta' Qali.

2. Jikkundanna lill-imsejjah fil-kawza jhallas lill-atturi s-somma ta' erbgha mija u tmienja u tmenin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm488.81) bhala danni.

3. Jichad it-talba ta' l-atturi in kwantu din hija diretta kontra l-konvenut Emanuel Grima.

Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kolha (inkluzi drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-imsejjah fil-kawza.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**